MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2010

Avviz Numru. 375/2008

**Transfreight Limited C 16049 u Frank Borg KI 105247(M)
bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess socjeta'**

**Vs**

**Joseph Grima ezercenti l-kummerc bl-isem Auto Radio**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici et nomine talbet sabiex il-konvenut, fil-kwalita' tieghu premessa jghid il-ghaliex ma ghandux jkun ikkundannat li jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €3,867.33 (tlett elef, tmin mija u sebgha u sittin ewro u tlieta u tletin centezmu) ekwivalenti ghal Lm1,660.24 (elf, sitt mija u sittin Lira Maltin u erbgha u ghoxrin centezmu) liema somma hija dovuta mill-

konvenut lir-rikorrenti, rapprezentanti servizzi rezi in konnessjoni ma transport kombinat ta' merkanzija, mill-konvenut rikjesti u lil konvenut debitament rezi, per fatturi IM 24043 sa IM 25057, flimkien ma bilanc illi ghadu pendenti fuq il-fattura IM 23921, hekk kif elenkati fl-*Statement* anness mal-avviz u markat Dok A ghas-sena 2006 u 2007, u in rigward ta' liema, ghalkemm diversi drabi interpellat, il-konvenut ghadu ma effettwax il-hlas tal-bilanc kollu, tenut kont tal-fatt illi l-konvenut stess hallas parti mill-ammont dovut tal-fattura IM 23921.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta l-ittra ufficjali numru 2444/08 ipprezentata fis-6 ta' Awissu, 2008, flimkien ma l-ispejjez legali u gudizzjarji illi sejrin jigu inkorsi mis-socjeta' attrici ghal irkupru tad-dejn lilha dovut, inkluzi l-interessi kummercjali sa mid-data tal-konsenja, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll id-dokument anness mal-istess avviz u markat '<u>Dok A</u>' a fol 2 tal-istess atti.

Rat ir-risposta tal-istess konvenut (fol 5 tal-atti) u li biha espona bir-rispett:-

1. Illi fl-ewwel lok it-talba hija preskritta u dan ai terminu tal-artikolu 2147(d) tal-Kodici Civili Kap 16.
2. Illi fit-tieni lok u dan minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba hija ghal kollox infondata kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt stante illi dawn l-allegat kontijiet huma ghal kollox imhallsa.

Bl-ispejjes kontra l-istess attur li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni in rigward l-ewwel (1) eccezzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi din is-sentenza hi limitata ghall-eccezzjoni preliminari ta' preskrizzjoni tal-azzjoni in esami u hi bazata fuq l-

artikolu 2147(d) tal-Kodici Civili li ghid li l-azzjonijiet tal-vettura li bl-art jew bil-bahar imsemmijin fl-artikoli 1628 sal-1631 tal-istess Kodici ghall-hlas tal-kirjiet jew tal-pagi taghhom huma preskritti bit-trapass ta’ sena.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz trattasi ta’ hlas ta’ somma allegatament dovut ‘in konnessjoni ma’ transport kombinat ta’ merkanzija’ (ara ukoll l-ittra ufficjali esebita in atti, bhala vera kopja fotografika, a fol 16 ibid). Dwar dan, u in konnessjoni mal-eccezzjoni in esami jidher illi l-ammont mitlub jirrefri ghal garr ta’ merkanzija minn barra minn Malta u mhux garr fil-limiti ta’ dawn il-Gzejjer. Kif hemm ritenut gustament fis-sentenza citata mis-socjeta’ attrici a fol 4 et seq ibid b’mod specjali a fol 48 l-ahhar paragrafu l-artikolu in esami, li fih hemm referenza ghall-artikolu 1628 sa 1631 tal-istess Kodici jirreferi ghal transport intern b’merkanzia f’dawn il-Gzejjer biss u ghalhekk l-istess artikolu ma hux applikabbli ghal kaz in desamina.

Illi, minhabba hekk, ma hemmx lok li l-Qorti tara u tiddeciedi dwar jekk hemm, sospensjoni jew interruzjoni tal-perjodu preskrittiv, jekk hemmx l-gheluq ossija skadenza tal-istess perjodu. Inoltre jigi indikat, b’mod car, li l-istess Qorti ma tistax ‘ex ufficio’ tara jekk hemmx xi artikolu jew, subinciz fl-istess Kodici jew Kodici iehor applikabbli ghall-istess kaz.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif proposta u Tordna li dan il-kaz jitkompla fil-meritu billi l-ewwel nett jingiebu l-provi dwar l-eccezzjoni ta’ hlas da parti tal-konvenut, li fuqu hemm l-oneru tal-prova.

Bl-ispejjez rizervati.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------